MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1273/2003

**Allcare Insurance Agency Limited**

**vs**

**Carmel Brincat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u tletin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm139.39) prezz ta' Premium u spejjez ancillari dovuti fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici fuq ordni u inkariku tal-konvenut kif jidher mill-istatement anness mal-avviz bhala Dok.A. Bl-imghax mit-2 ta' Novembru, 2001 inkluzi l-ispejjez tal-konsult legali (Lm6) kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ma presenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u disgha u tletin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm139.39), bl-imghax legali mit-2 ta’ Novembru, 2001.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------